MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 79/2007

**Saint James (Capua) Hospital Limited (C 14713)**

**vs**

**Middle East Consulting Services Limited (C 7960)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta li prevja d-dikjarazzjoni li hija debitrici fil-konfront tas-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ erbat elef u hames liri Maltin, u erbgha u tletin centezmu (Lm4,005.34) jew somma ohra verjuri, dovuta minnha skond l-annessa fattura mmarkata bhala Dok A, u dan in konnessjoni ma’ servizzi medici, akkomodazzjoni u spejjez ohra relatati illi saru gewwa l-Isptar Saint James (Capua) Hospital, Sliema, fi Triq Gorg Borg Olivier, tas-Sliema bejn it-18 ta’ Lulju u t-13 ta’ Awissu 2005 u dana fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta u a beneficcju tas-Sur Alfred Apps, thallas lis-socjeta’ attrici s-somma fuq imsemmija ta’ erbat

elef u hames liri Maltin, u erbgha u tletin centezmu (Lm4,005.34), bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ddatata 10 ta' Lulju, 2006 u ta' l-ittra ufficjali ddatata l-1 ta' Dicembru, 2006 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx la fid-9 ta' Gunju, 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' €9,332.44 (Lm4,005.34). Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------